

## Miżura Numru 9:
*Għajnuna għall-konservazzjoni ta' speċi fil-periklu ta' estinzjoni*

### Skema 1 – *Konservazzjoni tal-għoġol Malti*

Raħħala li jipparteċipaw fi programmi biex jitkattru aktar minn din l-ispeċi u li huma rreġistrati mad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd, Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja jistgħu jibbenefikaw minn din il-Miżura.

**Rata annwali - €1,238 għal kull gendus.**

### Skema 2 – *Konservazzjoni ta' speċi ta' siġar li għandhom il'fuq minn ħamsin sena*

Kull bidwi li għandu siġar taż-Żebbuġ, tal-Harrub, tat-Tut, taċ-Ċawsli u taċ-Ċitru li għandhom aktar minn ħamsin sena jista' jibbenefika minn din il-miżura.

Ir-rata ta' għajnuna tiddependi fuq it-tip ta' siġra li għandek.

L-għola ammont li tista' tirċievi huwa ta' **€450** għal kull ettaru.

- Is-siġar tal-Harrub, tat-Tut u taċ-Ċawsli jirċievu rata ta' **€23.96** is-siġra
- Is-siġar taż-Żebbuġ u taċ-Ċitru jirċievu rata ta' **€44.26** is-siġra

## Kull min japplika għal dawn il-miżuri għandu:

- Jirrispetta l-obbligi tal-**'Cross Compliance'**
- Jidħol għal kuntratt fejn l-għelieqi li jinħadmu jintrabtu **għal ħames snin**
- Jagħmel **talba għal ħlas kull sena**
- Ikun jaf li **għalqa ma tistax titwaqqà** matul il-perjodu tal-kuntratt però għelieqi jistgħu jiġu trasferiti lil terzi persuni li jridu jżommu l-obbligi kollha marbuta ma' din il-miżura
- Ikun jaf li **jekk jinkiser xi wieħed minn dawn l-obbligi, l-fondi** li jkun irċieva taħt dik il-miżura jridu jiġu **rifonduti** lill-Aġenzija għall-Pagamenti
- Jattendi għal **kors ta' taħriġ**

## Aktar Tagħrif

Għal kull miżura wieħed jeħtieġ minimu ta' tomna art kontinwa li tista' tintuża. F'każ ta' Miżura numru 1 u Miżura numru 4, wieħed jista' jgħaqqad żewġ għelieqi sabiex ikollok tomna. Għal Miżura numru 9, il-minimu ta' art ma japplikax.

Fuq l-istess biċċa art tista' tgħaqqad il-miżura ta' Żoni Żvantaġġati ma' xi miżura agro-ambjentali.
Tista' wkoll tgħaqqad żewġ miżuri agro-ambjentali kif muri hawn taħt:

**AEM 2+3:** Rata **€62.21** għal kull tomna, kull sena*
**AEM 1+4:** Rata **€143.96** kull tomna*
**Ir-rata ta' meta tgħaqqad il-miżuri mill-pakketti hija inqas mis-somma tal-miżura individwali.*

## X'multi hemm jekk ikun hemm diskrepanzi bejn id-daqs iddikjarat u dak misjub?

| Diskrepanza | Multa applikata |
|---|---|
| Bejn 3-20% jew aktar minn 2 ettari | Id-doppju tad-differenza fid-daqs bejn dik iddikjarata u dik misjuba titnaqqas mill-kalkolu tal-ħlas. |
| Aktar minn 20% imma inqas minn 30% | Ma jingħata l-ebda ħlas għal dik l-art f'dik is-sena partikolari. |
| Aktar minn 30% imma inqas minn 50% | Ma jingħata l-ebda ħlas fuq kwalunkwe miżura agro-ambjentali għal dik is-sena partikolari. |
| Aktar minn 50% | Ma jingħata l-ebda ħlas fuq kwalunkwe miżura agro-ambjentali għal dik is-sena partikolari. L-ammont ta' għajnuna kkalkulat fuq id-differenza jitnaqqas minn kwalunkwe ħlasijiet fuq dawn il-miżuri għat-tlett snin ta' wara. |
| **Nota Ġenerali** | Min ma jonorax l-obbligi ta' dawn il-miżuri msemmija f'dan il-fuljett jista' ma jitħallasx għal dik is-sena partikolari jew tiġi applikata sanzjoni skont il-gravità tal-każ. |

L-Awtorità ta' Tmexxija tixtieq tfakkar li dan il-fuljett joffri gwida fil-qosor ħafna. Aktar dettall dwar l-obbligi, l-leġiżlazzjonijiet u informazzjoni oħra huma aċċessibli minn fuq is-sit elettroniku -
**www.mrra.gov.mt/PA**


**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**
Dan il-fuljett ġie ko-finanzjat mill-Assistenza Teknika taħt
il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta




# Assi II
# Miżuri għat-Titjib fl-Ambjent u l-Pajsaġġ

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta (2007-2013)**

**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali: L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali**



# Miżuri taħt Assi II għat-Titjib fl-Ambjent u l-Pajsaġġ



## Miżura taż-Żoni Żvantaġġati

- L-art kollha li tinħadem hija kkunsidrata bħala eliġibbli.
- Tista' tapplika jekk taħdem aktar minn tomna raba. Permezz ta' din il-miżura l-bdiewa jiġu mgħejuna sabiex tkun sostnuta l-attivita agrikola ġewwa l-gżejjer Maltin.

**Rata tal-għajnuna - €28 għal kull tomna kull sena.**

## Miżuri Agro-Ambjentali (AEMs)

Il-Miżuri agro-ambjentali jikkumpensaw lill-bdiewa talli voluntarjament jimpenjaw irwieħhom li jwettqu ħidma meqjusa bħala favur l-ambjent għal ħames snin. Il-Miżuri agro-ambjentali huma disgħa.

## Miżura Numru 1:

*Għajnuna għall-użu ta' prodotti u sistemi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent fl-għelieqi bid-dwieli*



- Tista' tapplika jekk tkabbar id-dwieli b'sistema tal- 'wires' u l-'poles'.
- Ma jistgħux jintużaw pestiċidi biex tikkontrolla is-susa tal-għeneb u l-għasafar iżda minflok tintuża x-xibka u l-baċillus.

**Rata tal-għajnuna - €78.84 għal kull tomna kull sena.**



## Miżura Numru 2:

*Għajnuna għall-kultivazzjoni tradizzjonali permezz tan-newba li tinkludi t-tkabbir tas-silla*

- Bdiewa li jipprattikaw jew jixtiequ jibdew jipprattikaw in-newba huma mħeġġa japplikaw.
- Jekk taħdem raba bgħali, din il-miżura tagħtik kumpens talli għal perjodu ta' ħames snin tkabbar ħxejjex differenti kull sena u talli f'sentejn minnhom tkabbar is-silla.

**Rata tal-għajnuna - €35.10 għal kull tomna kull sena.**

## Miżura Numru 3:

*Għajnuna għall-kultivazzjoni mhux intensiva*



- Bdiewa li jaħdmu raba bgħali u li jkabbru l-għalf bħal silla, qamħ, felu, xgħir jew avena jistgħu jaddottaw ċertu prattiċi biex jitnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent.
- Tingħata kumpens talli ma tapplikax bexx wara li ż-żera' tkun nibtet, talli tnaqqi l-ħaxix ħażin u talli tuża żerriegħa ġdida u nadifa ta' kull sena.

**Rata tal-għajnuna - €74.10 għal kull tomna kull sena.**

## Miżura Numru 4:

*Għajnuna biex ma jintużawx erbiċidi fil-vinji u msaġar tal-frott*



- Tista' tapplika jekk tkabbar id-dwieli jew għandek msaġar tal-frott.
- Tingħata kumpens talli ma tapplikax erbiċidi, u talli bejn Ottubru u Marzu ta' kull sena tħalli l-ħaxix jikber bejn ir-raddi u ma taħratx.

**Rata tal-għajnuna - €67.92 għal kull tomna kull sena.**



## Miżura Numru 5:

*Għajnuna biex tistabbilixxi u tmantni strippi ta' veġetazzjoni naturali*

Din il-miżura hi magħluqa



## Miżura Numru 6:

*Għajnuna għall-preservazzjoni ta' strutturi rurali li jservu t'abitat naturali għall-flora u fawna*

Jekk ġol-għalqa li inti taħdem hemm xi ħitan tas-sejjieħ, giren, bjar, spieri, ġwiebi jew kanali tal-ilma, din il-miżura toffrilek kumpens biex tħalli spazju ta' metru madwar dawn l-istrutturi b'veġetazzjoni naturali u biex ma tagħmilx użu minn l-ebda fertilizzant jew bexx.

**Rata tal-għajnuna - €61.53 għal kull tomna kull sena.**

## Miżura Numru 7:

*Għajnuna biex tistabilixxi u tmantni fuq l-art agrikola żona bi ħxejjex għan-naħal*



Jekk għandek minn tal-inqas tomna art agrikola kontinwa, tista' tingħata kumpens talli tiddedika mill-inqas 10 metri kwadri għal kull tomna sabiex tiġi mkabbra xi waħda minn dawn il-pjanti – Kappar, Melissa, Spika, Klin, Kemmun, Plejju jew Salvja. Huwa importanti li dawn jitħallew bil-fjuri bħala magħlef għan-naħal matul is-sajf. L-użu ta' prodotti kimiċi għall-pjanti huwa projbit.

**Rata tal-għajnuna - €48.24 għal kull tomna kull sena.**

## Miżura Numru 8:

*Għajnuna għall-biedja organika*

- Dawk il-bdiewa kollha li għandhom għalqa ċċertifikata bħala organika jew li qiegħdha fil-proċess ta' konverżjoni jistgħu jibbenefikaw minn din il-miżura.
- Ir-rata ta' għajnuna annwali għal kull tomna tvarja skont il-prodott u skont kif l-għalqa tkun iċċertifikata.

| | Iċċertifikat bħala Organiku | Fil-proċess ta' konverżjoni |
|---|---|---|
| Ċerejali | €55.12 | €68.90 |
| Dwieli (u siġar oħra tal-frott) | €89.56 | €111.95 |
| Ħxejjex mkabbra fil-miftuħ | €123.95 | €154.94 |